**Salib fuq moħħi**

Salib fuq moħħi jagħmluli  l-pazjenti
O kemm ifakkarni fis-sagramenti,
Li nissejjaħ nagħti f'waqtiet urgenti
Fejn il-fidi tkun tgħodd mhux l-argumenti.

Dak is-Salib li jagħmluli jfakkarni
F'imħabbet Kristu għalija fit-tiġrib,
Li minflok nfaqa' kemm jiflaħ jgħajjarni
Baqa' sieket, imsallab fuq is-salib.

Minn fommu l-qaddis ħarġet biss il-karba
Li tbiddlet fl-imħabba u qatt il-ħarba,
Għaliex lilha baqa' jxandar, il-maħfra
Dik veru li tibqa' taqta' daqs xafra.

Inħossha dieħla dritt f'qalbi kull darba
Meta l-pazjenti bil-fidi jħożżuli,
Is-sinjal tas-salib, miegħu jħalluli
Talbithom bil-wisq għażiża u b'karba.

Noħroġ minn fejnhom hekk ħiemed u sieket,
Niftakar li darba għad isiru rmied,
Bi dmugħi jġelben ghal daw' it-tifkiriet
F'idejk nerħihom Missieri fis-smewwiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen